**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 T' APRIL 2023**

**Rikors Nru. 764/2014 GM**

**APS Bank Ltd (C2192) u b'digriet tad-9 ta' April 2019 ġie jaqra APS Bank p.l.c. (C2192)**

**vs**

**C.A.B. Limited (C 21419)**

**ACE Investments Company Limited (C13468)**

**Joseph Ferriggi (ID300357M) u martu Judith Ferriggi (ID61554M); u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2019 Dr Joseph Ferriggi assuma l-atti tal-kawża minflok Judith Ferriggi;**

**Nazzareno Borg (ID964845M);**

**Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg (ID 920148M);**

**Carmel Charles Borg (ID 332274M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-APS Bank p.l.c. (C 2192) (f'din is-sentenza imsejjaħ "Il-Bank") li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Nutar Anthony Abela tal-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) (Dok A), il-Bank rikorrenti kkonċeda lis-soċjeta' intimata C.A.B. Limited, faċilita' ta' self, tas-somma ta' ħamsa u tmenin elf Liri Maltin (Lm85,000) ekwivalenti għal mija sebgħa u disgħin elf disa' mija u sitta u disgħin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżimu (€197,996.74), taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija u pattwiti fl-istess kuntratt notarili.

2. Permezz ta' kuntratt ieħor ukoll fl-atti ta' Nutar Anthony Abela tal-ħdax (11) Frar tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) (Dok B), il-Bank rikorrenti ikkonċeda wkoll lis-soċjeta' intimata C.A.B Limited, faċilita' ta' "overdraft", sas-somma ta' ħmistax-il elf Liri Maltin (Lm15,000) ekwivalenti għal erbgħa u tletin elf u disa' mija u erbgħin Euro u sittin ċenteżimu (€34,940.60), taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija u pattwiti fl-istess kuntratt notarili.

3. Fuq il-preċitati żewġ kuntratti notarili (Dok A u B), is-soċjeta' intimata l-oħra ACE Investments Company Limited kienet ikkostitwiet ruħha bħala garanti solidali mal-imsemmija soċjeta`' C.A.B. Limited favur is-soċjeta` rikorrenti, u dana bħala garanzija għall-ħlas lura ta' l-imsemmija faċilitajiet ta' self u "overdraft" u kif ukoll tal-imgħaxijiet u spejjeż relattivi u dana kif jirriżulta mill-imsemmija żewġ kuntratti notarili.

4. Permezz ta' l-annessi "Guarantee Forms" (Dok C, D u E), il-konvenuti l-oħra Joseph Ferriggi u martu Judith Ferriggi, Nazzareno Borg, Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg u Carmel Charles Borg, bħala garanzija għall-ħlas lura ta' l-imsemmija faċilitajiet ta' self u "overdraft", kienu ikkostitwew ruħhom bħala garanti solidali mal-imsemmija soċjeta`' C.A.B. Limited favur is-soċjeta` rikorrenti, u dana sas-somma ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000) ekwivalenti għal mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin Euro (€232,937.00) u dana oltre l-imgħaxijiet u spejjeż kif stipulati fl-istess garanziji.

5. Il-konvenuti ġew interpellati sabiex jottemperaw ruħhom mal-obligazzjonijiet minnhom assunti u pattwiti permezz tal-preċitati kuntratti notarili u "Guarantee Forms", iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti.

6. Il-bilanċ ta' debitu totali dovut illum skont l-imsemmija faċilitajiet ta' self u overdraft, jammonta għas-somma ta' ħames mija u tnax-il elf sitt mija u dsatax-il Euro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€ 512,619.51) u cioe' kwantu għas-somma ta' €294,685.35 bħala bilanċ ta' debitu ta' Loan Account numru 1243103201-1 (Dok F), kwantu għas-somma ta' €96,520.44 bħala bilanċ ta' debitu ta' Overdraft Account numru 1243103101-5 (Dok G), kwantu għas-somma ta' €961.07 bħala bilanċ ta' debitu ta' Kont Kurrenti numru 1243103001-9 (Dok H) u kwantu għas-somma ta' €120,452.65 bħala bilanċ ta' debitu ta' Kont Kurrenti (Interest Disposal Account)

numru 2000070227-4 (Dok I), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

7. Għalhekk is-somma dovuta llum mill-konvenuti C.A.B. Limited u ACE Investments Company Limited, solidalment bejnithom, lis-soċjeta` rikorrenti, tammonta għall-bilanċ ta' debitu totali dovut u cioe' l-imsemija somma ta' ħames mija u tnax-il elf sitt mija u dsatax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€512,619.51)**,** dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

8. Inoltre, ai termini tal-preċitati garanziji (Dok C, D u E), il-konvenuti l-oħra Joseph Ferriggi u martu Judith Ferriggi, Nazzareno Borg, Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg u Carmel Charles Borg, "in solidum" bejniethom, huma debituri tas-soċjeta` rikorrenti limitatament għas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin ewro (€232,937.00), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

**9.** Il-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu l-imsemmi debitu iżda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti C.A.B. Limited (C 21419) u ACE Investments Company Limited (C13468) 'in solidum' bejniethom, huma debituri tas-soċjeta` rikorrenti tal-fuq imsemmi bilanċ ta' debitu totali u cioe' tas-somma ta' ħames mija u tnax-il elf sitt mija u dsatax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€512,619.51), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv, u tiddikjara wkoll illi il-konvenuti l-oħra, u cioe' Joseph Ferriggi (ID300357M) u martu Judith Ferriggi (ID61554M), Nazzareno Borg (ID964845M), Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg (ID 920148M) u Carmel Charles Borg (ID 332274M), ai termini tal-preċitati garanziji (Dok C, D u E), huma debituri "in solidum" tas-soċjeta` rikorrenti limitatament għas-somma ta' mitejn tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin ewro (€232,937.00), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv; u għalhekk,

2. Tikkundanna lill-konvenuti C.A.B. Limited (C 21419) u ACE Investments Company Limited (C13468) 'in solidum' bejniethom, iħallsu lis-soċjeta` rikorrenti l-imsemmija s-somma ta' ħames mija u tnax-il elf sitt mija u dsatax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€512,619.51) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv, u

3. Tikkundanna lill-konvenuti l-oħra u cioe' Joseph Ferriggi (ID300357M) u martu Judith Ferriggi (ID61554M), Nazzareno Borg (ID964845M), Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg (ID 920148M) u Carmel Charles Borg (ID 332274M), 'in solidum' bejniethom, iħallsu lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' mitejn u tnejn tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin ewro (€232,937.00), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti 'in solidum' inklużi dawk taż-żewġ Mandati ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Inibizzjoni preżentati kontestwalment ma' dan ir-Rikors Ġuramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti 'in solidum', mil-lum inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjetajiet konvenuti C.A.B. Limited u ta' ACE Investments Company Limited u ta' Dr. Joseph Ferriggi u ta' martu Judith Ferriggi u ta' Nazzareno Borg li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament l-eċċipjenti kollha hawn fuq indikati jeċċepixxu li l-ammont reklamat mis-soċjeta' rikorrenti għandu jiġi ppruvat minnha stante li huma jikkontendu li għandhom jagħtu ammont inferjuri

2. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` rikorrenti;

3. Bla preġudizzju għall-premess, inkwantu u limitatament għall-eċċipjenti konjuġi Ferriggi u Nazzareno Borg, dawn huma garanti u mhux debituri prinċipali u per konsegwenża, s-soċjeta` rikorrenti għandha l-ewwel teżerċita l-allegati jeddijiet tagħha fil-konfront tal-proprjeta' tad-debituri prinċipali;

Rat ir-Risposta Ġuramentata Carmel Charles Borg li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. It-talbiet tal-Bank rikorrenti huma in kwantu jirreferu għall-esponenti infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi l-kunsens tal-esponenti fuq il-garanzija ġie karpit b'qerq kif sottomess fil-kawża preżentata kontestwalment mal-preżenti risposta ġuramentata kontra l-kontendenti kollha f'din il-kawża.

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, jonqos il-prova tal-Bank rikorrenti għar-rigward tal-ammont illi allegatament għadu dovut.

3. Subordinatament ukoll u mingħajr ebda preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, it-talbiet tal-Bank rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Bank rikorrenti ma eżerċitax id-drittijiet tiegħu fuq il-proprjeta' tas-soċjeta' debitriċi meta l-Bank rikorrenti seta' effettivament jagħmel dan;

Rat li Maria Grazia Borg baqgħet kontumaċi.

Rat li l-partijiet qablu li l-provi fil-kawża fl-ismijiet *Carmel Charles Borg v APS Bank Limited et.* (Rikors Ġuramentat numru 882/14) li l-konvenut Carmel Borg fetaħ kontra l-APS Bank għandhom japplikaw għal din il-kawża.

Rat li b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 2021, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet ta' Carmel Borg imressqa fl-imsemmija kawża sabiex jiġi ddikjarat li l-kunsens tiegħu fuq il-garanzija li għamel lill-Bank kien mogħti bi żball u li għalhekk kellha tiġi mħassra.

Rat l-atti ta' din il-kawża.

Ikkunsidrat:

Għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Borg hemm l-ostaklu tal-ġudikat permezz tas-sentenza fuq imsemmija tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Borg u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti C.A.B. Limited, ACE Investments Company Limited, Dr Joseph Ferriggi, Judith Ferriggi u ta' Nazzareno Borg m'humiex validi billi l-garanzija ngħatat *in solidum*.

Il-Bank attur ipprova l-kreditu tiegħu permezz tax-xhieda ta' uffiċjali u impjegati tiegħu kif ukoll provi dokumentarji.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Borg.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti safejn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

3. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenuti C.A.B. Limited u ACE Investments Company Limited *in solidum* bejniethom, huma debituri tal-Bank fis-somma ta' €512,619.51, bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv; u illi l-konvenuti l-oħra Dr Joseph Ferriggi, Nazzareno Borg, Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg u Carmel Charles Borg, ai termini tal-garanziji esibiti bħala Dok C, D u E, huma debituri *in solidum* tal-Bank limitatament għas-somma ta' €232,937.00, bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

4. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenuti C.A.B. Limited u ACE Investments Company Limited *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-Bank l-imsemmija s-somma ta' €512,619.51 bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv, u

5. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti l-oħra Dr Joseph Ferriggi, Nazzareno Borg, Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg u Carmel Charles Borg, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-Bank is-somma ta' €232,937.00, l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti kollha *in solidum* inklużi dawk taż-żewġ mandati ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentati kontestwalment mar- rikors ġuramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA